**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 150/2017**

**SN ('l-ilmentatur')**

**vs**

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C-5553)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-12 ta' Gunju 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur issottometta li huwa kellu incident f'*Thailand* fil-21 t'April 2017. Huwa kellu jaqta' *ticket* mill-aktar fis biex jigi lura Malta fil-25 t'April 2017, biex jiehu l-kura f'Malta. Kif wasal Malta mar ha l-kura fl-isptar *Saint James* minn fejn gie rilaxxat fit-3 ta' Mejju 2017. B'hekk, ha tmint ijiem kura u l-ispiza giet indikata f'DOK PG1 sa PG22.

Meta informa lill-assikurazzjoni dawn damu hafna zmien biex jirrisponduh u jibghatulu l-ewwel *cheque.* Baqghu jinsistu li l-ammont dovut fuq spejjez ta' sptarijiet ghal kura personali ma kienux jeccedu l-€1,000.

L-assikurazzjoni '*baghtuli cheque li ma jinkludix l-ispejjez kollha li jien inkorrejt fi zmien tliet xhur minn meta bbukkjajt il-flight lura, izda li jammonta biss ghal €1,000.'*

Illi, skont ir-regolament provdut mill-istess kumpanija assikuratrici taht it-titolu '*Emergency Medical and Associated Expenses and Hospital Benefit'* (DOK PG23), jindika b'mod car illi '*in addition we will pay you the amount shown in Schedule: (b) for any additional treatment required in Malta within a maximum period of 3 months after your booked return date'.*

Ghalhekk huwa qed jitlob li jithallas l-ammont ta' hamest elef, hames mija u sebgha u sittin ewro u disgha u sebghin centezmu (€5,567.79), rapprezentanti hlas dovut tal-kura li rcieva gewwa l-Isptar *Saint James* skont kif hemm stipulat fl-ircevuti ipprezentati.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn jghid illi:**

It-talbiet tal-ilmentatur huma infondati fil-fatt u fid dritt ghaliex:

A) Il-polza tal-assikurazzjoni tal-ivjaggar tkopri lill-klijent b'assikurazzjoni fil-post stipulat fis-*Schedule* ta' fejn hu isiefer u ai termini u kundizzjonijiet stipulati fil-polza.

*B)* Il-klawsola 2Bb tat-*Travel Policy* annessa bhala DOK MMS A, tistipola bic-car li '***in addition we will pay you the amount shown in the <u>Schedule</u>'.***

C) Is-*Schedule* annessa bhala DOK MMS B tistipola bic-car li l-ammont massimu li jista' jigi mhallas lill-assikurat ghat-trattament addizzjonali f'Malta hu ta' elf Euro (€1,000)

D) Ghaldaqstant, il-hlas huwa limitat ghall-ammont ta' elf Euro u mhux ghall-ammont ta' granet li l-assikurat ikun ha t-trattament f'Malta jew ghall-ammont totali ta' mizati mgarrba waqt it-trattament tieghu f'Malta.

Ghaldaqstant, l-ammont pretiz minghand il-mittenti ma huwiex ezegwibbli.

L-Arbitru sema' x-xhieda li f'dan il-kaz kien l-ilmentatur biss.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Jikkonsidra:**

Illi l-partijiet jaqblu bejniethom illi l-ilmentatur kien assikurat mal-provditur tas-servizz ghal riskji li hu jgarrab meta jkun imsiefer. Ma hemm l-ebda kontroversja bejn il-partijiet li l-ilmentatur garrab l-incident li jsemmi u li dwaru ha kura f'S*aint James Hospital* f'Malta, meta interrompa l-vaganza tieghu fit-Tajlandja. Ukoll hemm qbil li l-ilmentatur garrab spejjez ohra (minbarra l-kura li

ha fl-Isptar *Saint James*), u dwar dan l-ilmentatur mhux jikkontesta l-hlas li ghamlitlu l-assikurazzjoni.

L-unika kontroversja hija dwar kif ghandha tigi interpretata l-polza dwar kura addizzjonali li seta' jircievi l-ilmentatur f'Malta. Huwa jinsisti li ghandu jithallas l-ispejjez kollha li hallas, filwaqt li l-assikurazzjoni qieghda tghid li tali spejjez kellhom '*capping*' skont is-*Schedule* esebita.

M'hemm l-ebda nuqqas ta' qbil dwar is-*Schedule* esebita tant li l-ilmentatur esebiha a fol 10, u l-istess *Schedule* giet ipprezentata a fol 44 mill-provditur tas-servizz.

L-ilmentatur, fl-ilment tieghu, huwa stess isemmi li '*in addition we pay you the amount shown in Schedule…..*' izda, imbaghad, jghid li jippretendi li jithallas l-ammont kollu li nefaq fl-Isptar *Saint James* meta irritorna Malta eskluza s-*Schedule*.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li l-ammont ghall-hlas ta' kura f'Malta u anke barra kien limitat mis-*Schedule* tal-Polza.

Hawn l-Arbitru ma jistax ma jaqbilx mal-provditur tas-servizz li wiehed ma jistax jinsa s-*Schedule* li tkun mal-polza jew jinjoraha ghax hekk ikun jaqbillu.

Is-*Schedule* f'polza tal-assikurazzjoni trid tinqara haga wahda mal-polza u tifforma parti minnha.

*Schedule* ta' kuntratt ta' assikurazzjoni hija definita:

*'A schedule of insurance is part of an insurance contract that sets out the details specific to the policy.'*[1]

Definizzjoni ohra bi ftit aktar dettall hija din:

*'Policy schedule is also known as a schedule of insurance. It is the part of the insurance contract that identifies the policyholder and details the property and persons covered, the amount of coverage, the exclusions, the deductibles, and the payment mode and schedule.'*[2]

---

[1] https://www.123.ie/customer-care/before-you-insure/insurance-terms-explained/what-is-a-schedule-of-insurance(30/05/2018)
[2] https://www.insuranceopedia.com/definition/495/policy-schedule (30/05/2018)

Ghalhekk is-*Schedule* li jkun hemm ma' kuntratt ta' assikurazzjoni titqies li hija parti integrali mill-istess kuntratt u ma tistax tigi injorata. Fiha jigi kwantifikat il-hlas ghar-riskju u huwa importanti li l-assikurat jaqra din il-parti tal-polza.

Dan ipoggi fuq il-kumpanija assikuratrici l-obbligu li meta tigi iddrafjata kemm il-polza, kif ukoll is-*Schedule* li jkun hemm maghha, dawn ikunu konformi ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, jigifieri li jkunu f'lingwagg li jinftiehem mill-konsumatur.

Però, meta l-Arbitru ra din l-iskeda, a fol 10 u 44 tal-process, jara li hija skeda semplici li tinftiehem anke minn konsumatur li mhux midhla tal-qasam tal-assikurazzjoni.

Fil-kaz odjern, is-*Schedule* taghmilha cara li jekk l-ilmentatur jiehu kura '*addizzjonali*' f'Malta, din tkun limitata ghas-somma ta' €1,000. F'sezzjoni 2Bb hemm miktub b'lingwagg car u semplici '*Treament in Malta - €1000'*.

L-ilmentatur stess jghid li meta gie Malta hu mar direttament l-Isptar *Saint James* minghajr ma informa b'xejn lill-assikurazzjoni:

'*Jien qabel ma mort l-isptar ma ghidtilhom xejn lil Middlesea b'li kelli imma kif hrigt mort fejn jaghmlu l-claims….'*[3]

Li kieku tkellem mal-assikurazzjoni qabel, jew anke qabbad lil xi hadd li jigi minnu jekk hu ma setax jaghmel dan, kien ikun accertat x'kienu r-riskji koperti. L-ezercizzju ta' din id-diligenza u prudenza hu mistenni minn min ikun assikurat biex b'hekk ikun f'qaghda li jiddeciedi liema triq jaqbad; f'dan il-kaz jekk jiehux il-kura privata, però fil-limitu tal-polza, jew dik fi sptar tal-Istat. Però, dan ghandu jigi interpretat skont il-merti partikolari ta' kull kaz.

Hu jghid li xtara l-assikurazzjoni mill-*Untours* u, jekk ma inghatax kopja tal-polza tal-assikurazzjoni, issa ma jistax iwahhal fil-provditur tas-servizz li ghalkemm hu jkopri r-riskji assikurati, però ma kienx hu li biegh il-polza u, ghalhekk, ma jistax iwiegeb ghal dak li m'ghamilx hu.

Imma l-kwistjoni ewlenija hija l-interpretazzjoni tal-polza, u dwar dan l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li fis-*Schedule* hemm stipulat, bl-aktar mod car u semplici, li l-kura f'Malta kienet limitata ghas-somma ta' €1,000.

---

[3] A fol 61

Ghalhekk ma jistax jilqa' l-ilment.

L-ispejjez legali tal-kaz huma ghall-ilmentatur.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji